**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 278 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christian Cali**

Illum, 2 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christian Cali detentur tal-karta ta' l-identita 181700 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-10 ta' Novembru 2020, ghall-habta ta' 00.00hrs, fl-akwati tal-Mc Donald' s li hemm fil-Pjazza ta' Bugibba, San Pawl il-Bahar:

1. Garr strument li jaqta' jew bil-ponta u cioe' sikkina itwal minn 8cm minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hekk kif moghtija lilu nhar it-28 ta' Novembru 2019 b' digriet mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. li gie emendat nhar is-7 ta' Lulju 2020 mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' Probation u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza deciza nhar il-21 ta' Jannar 2019 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. kif ukoll b'

sentenza ohra deciza nhar l-4 ta' Dicembru 2019 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

4. Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f' kaz ta' htija tikkonsidra lil Christian Cali bhala recidiv, b' sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 49, 50, 579 (1), (2) u (3) tal-Kodici Kriminali, Artikolu 7 u 21 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat Christian Cali hati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu, filwaqt li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni sabithu hati biss li kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ordnata permezz ta' sentenza datata 21 ta' Jannar 2019, izda ma sabithux hati li kkommeta reat waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Probation ordnata permezz ta' sentenza tal-4 ta' Dicembru 2019 u kwindi illiberah minn dik il-parti tal-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ikkundannat lil Christian Cali, bhala recediv:

1. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
2. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghal perjodu ta' prigunerija ta' ghaxar (10) xhur filwaqt li irrevokat l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat permezz tad-digriet datat 28 ta' Novembru, 2019, kif emendat permezz ta' digriet tas-7 ta' Lulju 2020. In oltre ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tmint elef ewro (€8000) rapprezentanti garanzija li kien ta' l-imputat ghall-helsien mill-arrest tieghu;
3. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-ksur tal-Ordni ta' Probation ordnata permezz tas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2019 ikkundannatu ghal ammenda ta' mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) filwaqt li ordnat t-tkomplija tal-istess Ordni.

Finalment il-Qorti ordnat l-konfiska tas-sikkina esebita in atti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christian Cali minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-Appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassarha fejn din sabet l-imputat hati ossija ghall-ewwel it-tieni, limitatament ghat-tielet u ghar-raba imputazzjoni u;

(b) tikkonfermha fejn din ma sabitx il-htija ta' l-imputat ossija limitatament ghat-tielet imputazzjoni u;

Tilliberah skond il-ligi u minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi, l-aggravju huwa car u manifest u jikkostitwixxi fis-segwenti:

1. Illi l-prosekuzzjoni naqqsu milli jipprovaw il-kaz kontra l-appellant u b' hekk ghandu jigi lliberat;

2. Illi ai termini ta' l-ewwel akkuza jinghad li l-prosekuzzjoni fil-prezentata tal-provi taghha naqset li torbot l-allegata sikkina esebita ma' l-allegata sikkina li giet misjuba fuq l-imputat, allegatament;

Illi l-Ispettur li mexxa l-Prosekuzzjoni u li esebixxa din is-sikkina ma kienx fuq il-post minkejja li hu pprezentha, bla gurament, bhala parti mill investigazzjoni;

Illi m' hemmx prova guramentata li torbot is-sikkina esebita ma' l-allegata sikkina elevata allegatament mill-persuna tal-imputat;

Illi di piu lanqas firma fuq ir-ricevuta ta' l-imputat ma hemm u l-imputat ma ta' ebda deposizzjoni tieghu;

Illi b' hekk m' hemmx *chain of evidence* valida li s-segwi d-dettami tal-ligi u b' hekk m' hemmx prova tas-sikkina li giet allegatament elevata mill-imputat li hija effettivament dik li qed jallegaw il-prosekuzzjoni u li giet esebita;

Illi l-ufficjali taw id-deposizzjoni taghhom permezz ta' l-affidavits u ebda wiehed minnhom ma kkonferma l-esebita f' dan il-kaz. L-Ispettur li pprezenta l-esebita ma kien qatt fuq il-post u ma jafx u ma jista' qatt jikkonforma li s-sikkina esebita hija effettivament is-sikkina li giet elevata allegatament mill-imputat;

Illi dan in-nuqqas f' din il-prova jidher car anke' minn dak li l-ewwel Qorti tghid fis-sentenza taghha pagna 2. L-esponent jiehu l-liberta' li jiddeskrivi din r-rabta hekk deskritta mill-Qorti, bejn is-sikkina esebita u s-sikkina elevata bhal wahda rispettosament imgebda;

Illi l-ewwel Qorti taghmel minn kollox biex tipprova, inutilment, turi li l-Prosekuzzjoni gabu l-ahjar prova fir-rigward l-akkuza tas-sikkina;

Illi adirittura l-Qorti biex tiggustifika ic-*chain of evidence* bejn is-sikkina elevata u dik ipprezentata tirreferi ghar-ricevuta li giet esebita. Din ir-ricevuta, ghal darb' ohra, m' ghanda ebda sahha probatorja billi lanqas ma hi kkonfermata bil-gurament u zgur ir-ricevuta (mhux mahlufa) ma tista' qatt tissostitwixxi l-identifikazzjoni bil-gurament tal-esebita mill-ufficjali li elevawha allegatament minn l-imputat.

Illi jinghad li d-deskrizzjoni fuq ir-ricevuta mhux mahlufa ghandha tigi skartata bhala prova inammissibbli u zgur il-Qorti fid-dawl ta' l-ahjar prova ma tista' qatt tistrieh fuq deskrizzjoni (mhux mahlufa) meta facilment setghu jitressqu l-ufficjali jikkonfermaw l-sitess sikkina.

Illi l-Qorti tghid, fis-sentenza li m' ghandha ebda dubju dwar din is-sikkina, pero' bir-rispett jinghad li l-ewwel ezami li kellha taghmel il-Qorti ma kienx il-piz tal-prova imma l-ammissibilta' tal-prova li f'dan il-kaz is-sikkina ma giet kkonfermata mill-ufficjali li elevawha. Wara l-ezami tal-ammissibilita' tigi l-kwistjoni jekk prova

ammissibbli ghandhiex titwemmen jew le u jekk tikkreja dubju jew le u mhux bil-kontra;

3. Illi l-prosekuzzjoni naqsu ukoll milli jresqu l-pova digriet tal-kundizzjonijiet mill-helsien mill-arrest fil-forma kif rikjesta mil-ligi ossija l-ahjar prova. Prova awtentika u kkonfermata bil-gurament tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma hemmx fil-process u dan minkejja li fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2020, tressqet ir-registratur tal-Qrati Kriminali, il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq l-ahjar prova ta' dan id-digriet meta kellha titlob dan mill-ahjar xhud li jippresenta l-istess ossija r-registratur tal-Qorti Kriminali;

4. Illi di piu minkejja li nhar il-25 ta' Novembru, 2020, tresqet ir-Registratur tal-Qrati Kriminali tipprezenta sentenzi ai fini tat-3 u r-4 akkuza, fuq domanda tad-difiza jekk l-kopji minnha pprezentati kienux ittiehdu mix-xhud stess, din tghid li le. Il-Qorti fis-sentenza taghha tinjorah dan il-fatt li tibbaza biss fuq il-firma u l-konferma tal-awtenticita' . Pero' jinghad li meta awtorita' tawtentika kopja (kemm avukat jew nutar jew xhud bhal f' dan il-kaz) qed tikkonferma li dik il-kopja esebita hija awtentika ghal dik originali. F' dan il kaz kien l-ispettur li pprezenta l-kopji tas-sentenzi lir-Registratur li din kemm iffirmat fuqhom u b' hekk ma kienx hemm il-konferma necessarja tal awtenticita' taghhom billi jew hadet il-kopji hi stess jew rat il-process originali. Din qabdet u ffirmat dak li pprezentalha l-ispettur u b' hekk din mhix, ghal darb' ohra l-ahjar prova;

5. Illi fuq l-istess linja ma kienx hemm il-konferma li s-sentenzi esebiti kienu finali (res iudicata) u li kienu effettivament skontati Din hija prova essenzjali kemm ghall-akkuza numru tlieta u kemm ghal dik numru 4;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena inflitta, l-esponent ihossu aggravat billi din l-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f' dan il-kaz,

Ikkunsidrat,

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jghid li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti tant li fil-fehma tieghu kien hemm diversi nuqqasijiet li a bazi taghhom l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fil-konfront tal-akkuzat appellant.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' ppelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**[1]. ; **<u>Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[2] ; **<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[3] ; **<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[4] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **<u>R. v. Cooper</u>**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the*

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' 'Frar 1989
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] ([1969] 1 QB 276)

*learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt** [7], inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat ilkomportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa l-Qorti ghamlet ezami akkurat u approfondit tal-provi u jirrizulta li xehdu s-segwenti xhieda:-

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

Il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **L-Ispettur Ryan Vella**[8] u dan stqar li nhar l-10 ta' Novembru, 2020, gie infurmat mill-pulizija tad-distrett tal-Qawra li ghall-habta ta' 00.00a.m dahlet telefonata minghand il-pulizija tal-RIU illi waqt li kienu fuq ir-ronda innutaw lil Christian Cali barra u peress li hu diga mgharuf mal-pulizija saret search fuq il-persuna tieghu fejn instabet sikkina fil-pusess tieghu u dan gie arrestat. Il-pulizija tad-distrett marru fil-pront fil-pjazza ta' Bugibba quddiem il-Mc Donalds u innotat lil Christian Cali mmanetjat.

Wara aktar stharrig irrizulta li dan Christian Cali jiffirma gewwa l-ghassa tal-pulizija tal- Qawra fuq il-ktieb numru 44 u l-kundizzjonijiet tieghu huma kif gejjin u cioe li jiffirma kul nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt bejn is-06.00a.m u it-20.00p.m kif ukoll bejn il-11.00p.m u is-6.00a.m irid jkun gewwa r-residenza fejn joqghod.

Christian ittiehed l-ghassa tal-Qawra fejn inghatatlu ricevuta tas-sikkina ikkonfiskata fejn jghid li din l-istess sikkina kellha x-xafra li kien fiha madwar 20 centimetru. Aktar tard dan ittihed fil-lock up tal-pulizija. Ikkonferma li fl-10 ta' Novembru, 2020 l-akkuzat irrilaxxja stqarrija u fuqha jgharaf l-firma tieghu.

**PC 927 J. Camilleri** xehed ukoll permezz ta' affidavit u kkonferma li nhar il-10 ta' Novembru, 2020 ghall-habta ta' 00.05 a.m kien xoghol f' Bugibba ma PS 194 C Debrincat u dahlet telefonata li kien hemm grupp ta' zaghzagh li kienu qedin jaghmlu storbju quddiem Mc Donalds gewwa Bugibba square, San Pawl il-Bahar. Huwa flimkien ma PC 927 J.Camilleri kollega tieghu marru fuq il-post u sabu grupp ta' zaghzagh fejn wiehed minnhom Christian Cali kien diga mgharuf mal-pulzija. Jghid li dak il-hin PS 1194 talbu biex jghamel tfittxija fuq il-persuna tieghu u dan beda jitwaqqaf u beda jirresisti. Is-surgent talbu biex johrog dak li kellu fuqu u dan hareg l-affarijiet li qabillu. Is-surgent qallu li xtaq jghamilu *frisk search* u Cali kien ser jibda igerger u ghalhekk zammu minn idejgh. PS 1194 sablu sikkina li taqta' u bil-ponta li kienet fil-qalziet tieghu fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug. Ghall-ewwel ma qal xejn dwarha izda ftit wara qal li kienet ghandu ghaliex ftit granet qabel kellu xi jghid ma persuna li jisimha Aidan u ghalhekk jghid li kienet fuqu f'kaz li jiltaqa' mieghu u dan iwegghu. Kienu jafu ukoll li dan kellu jkun gewwa fil-11.00 p.m u ma kellux johrog minn daru qabel is-6.00a.m ghaliex kien qed igawdi mill-helsien mill-

[8] Fol.14

arrest. Meta qalulu li kellu jkun gewwa minhabba il-hinijiet ta' rinkazar wegibhom *'mhux b'siegha qbiztu'*.

**PC 55 L. Cutajar** jikkonferma li nhar l-10 ta' Novembru, 2020 Christian Cali kien ghadu kemm gie arrestat f'Bugibba u fuq mejda ra li kien hemm l-affarijiet personali li kien hemm fuq il-persuna tieghu fosthom sikkina ta' lewn silver bil-manku iswed. Jghid li huma informaw lill Ispettur Ryan Vella li ordnalhom jakkompanjw lil Vella fil-*lock up* tal-kwartieri generali tal-pulizija. Jghid li dakinhar gewwa l-ghassa tal-Qawra is-sikkina giet imkejla u irrizulta li kienet twila 20cm u Cali inghata ricevuta taghha stante li din giet mizmuma mill-pulizija.

**PC 979 D Mohr** xehed permezz ta' affidavit u kkonferma li kienet dahlet informazzjoni minghand PS 1194 u PC 927 li waqt li kienu qed jghamlu ronda fil-pjazza ta' Bugibba meta innotaw lil Christian Cali persuna mgharufa mal-pulizija. Dawn waqfuh u ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u instab li kellu sikkina twila madwar 20 centimetru. Sadanitant mar fuq il-post ma PS 55 Cutajar u PC 1109 G. Xerri fejn sabu lil pesuna ta' Cali immanettjat bil-manetti wara daru, bilqeda hdejn mejda fejn kien hemm sikkina flimkien ma oggetti ohra personali tieghu. Minn tfittixija li ghamlu irrizulta li dan Cali kellu l-kundizzjoni tar-rinkazar u suppost kellu jkun gewwa daru sal-11.00p.m. Waqt li kien l-ghassa inghata ricevuta tas-sikkina u dan irrifjuta li jiffirmha u gie eskortat lejn il-*lock up.*

**PC 1109 Giuseppe Xerri** xehed u kkonferma dak kollu li kienu qalu l-ufficcjali tal-pulizija izda jghid li kien eskorta flimkien ma PC 369 u PC 983 lil Cali lejn ic-centru tas- sahha tal-Furjana biex jigi verifikat xi medicina li kien qed jiehu u jigi certifikat li kien fi stat tajjeb li jinzamm fil-lock up.

**PC 1194 Christopher Debrincat** ikkonferma li nhar l-10 ta' Novembru, 2020 ghall-habta ta' 00.05a.m waqt li kien xoghol ta' bil-lejl bejn is-7.00p.m u is-7.00a.m ta' l-ghada filghodu fuq l-area ta' Bugibba flimkien ma PC 927 J Camilleri dahlet telefonata li kien hemm xi zghazagh fil-piazza ta' Bugibba. Huwa mar fuq il-post ma xi ufficcjali ohra u minnufih gharaf il-Christain Cali u talbu ibattal il-bwiet. Talbu igholli idejgh u dan Cali ma kkoperax u ghalhekk il-kollega tieghu PC 927 zammlu idejgh u ghamilu tfittxija u min naha ta-xellug minn gewwa qalziet hariglu sikkina kbira li normalment tinstab fi kcina tad-dar. Qal li huwa talab li ssir tfittxija fuq il-

persuna ta' Cali ghaliex ftit ta' zmien qabel il-pulzija kellha f'idejha filmati li Cali kien qed ixejjer sikkina. Waqt li kien l-ghassa qalulu li kien barra wara l-hin u wegibhom li *'kien qabez il-hin b'siegha biss'*.

L-**ispettur Joseph Xerri** xehed viva voce il-Qorti nhar is-17 ta' Novembru, 2020 u gharaf id-dokument esebit fl-atti a fol.9 markat bhala dok RV 2 fejn jghid li dawn huma l-kundizzjonijiet moghtija fil-konfront tal-akkzuat dwar il-liberta kundizzjonata tieghu u cioe li ghandu fost kundizzjonijiet ohra il-hin ta' rinkazar. Ikkonferma li dawn il-kundizzjonijiet inghataw fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulzija vs Christian Cali** nhar it-28 ta' Novembru' 2019 mill-Magistrat Dr Charmaine Galea (vide fol 9 dok RV2). In segwitu dawn il-kundizzjonijiet gew varjati (vide verbal datat 7 ta' Lulju,2020 fol. 10) pero l-kundizzjoni tal-hin kienet ghadha in vigore u l-kawza kienet ghadha ghaddejja u hija sub judice.

**WPC 396 Amanda Azzopardi** xehdet nhar l-10 ta' Novembru, 2020 u stqarret li ghamlet tfittixija mas-sistema tal-pulizija biex tara jekk l-akkuzat kellux permess biex igorr armi u dan irrizulta fin-negattiv kif jidher mid-dokument AA1 esebit minnha seduta stante.

**Eunice Grech**, Registratur tal-Qorti xehdet u esebiet hames sentenzi moghtija fil-konfront ta' Christian Cali u kkonfermat li kienet hi li ghamlet il-photocopies taghhom. Dawn jinsabu inseriti fl-ati a fol. 51 et seq.

L-**akkuzat Christian Cali** ma xehdx f'dwn il-proceduri kif kellu kul dritt u fl-istqarrija tieghu li giet prezentata fl-atti ghazel li ma jwegeb l-ebda domanda salv li jahdem bhala waiter.

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta'Novembru, 2020 l-prosekuzzjoni esebiet divesi dokumenti fosthom ricevuta tas-sikkina u envelop kanella kontenenti s-sikkina b'manku iswed li gie markat bhala dok CC.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti tal-kaz kienu ghalhekk is-segwenti:

1. Illi nhar l-10 ta' Novembru,2020 l-appellant kien qieghed il-piazza ta' Bugibba ma xi zaghzagh ohra ghall-habta ta' 00.05a.m

2. Illi dan gie nnutat mill-pulizija stante li kien gja mgharuf maghhom u sar search fuq il-persuna tieghu u instabet sikkina ta' kulur silver bil-manku iswed fost affarijiet ohra.

3. Illi ghalhekk Cali ittihed l-ghassa tal-pulizija ghal iktar investigazzjonui u waqt li kien hemm gie stabilit li kien kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar kif stabilita fid-digriet tal-Qorti meta inghata l-liberta provisorja u dan ghaliex kellu jkun gewwa daru fil-11.00p.m u kien nofs il-lejl meta intlemah.

4. Illi Cali ittihed l-lock up u sussegwentement tressaq il-Qorti u moghti l-akkuzi odjerni u instab hati ta' l-ewwel,it-tieni u tielet akkuza limitatament fir-rigward li ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' probabtion b'sentenza deciza nhar il-21 ta' Jannar 2019 u mhux hati talli ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' probabtion b'sentenza deciza nhar l-4 ta' Dicembru, 2019 u talli hu recidiv.

Illi d-difiza issostni li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz fil-konfront tal-appellant minhabba ir-ragunijiet segwenti:-

1. Il-prosekuzzjoni naqset li tipprova li s-sikkina esebita hija l-istss sikkina li allegatament kienet fuq il-persuna tal-akkuzat fil-mument meta gie arrestat.

2. Illi s-sikkina esebita giet hekk esebita minghajr gurament.

3. Li m'hemmx prova li torbot is-sikkina esebita mal-akkuzat.

4. Illi firma fuq l-ircevuta tas-sikkina tal-akkuzat ma hemmx.

5. Ghalhekk minhabba dawn in-nuqqasijiet ma hemmx *chain of custody.*

Jinghad li l-ufficcjali kollha li xehdu stqarrew li huma gharfu lil Christian Cali ghaliex dan kien gja mgharuf maghhom. Jidher li kellhom suspett li seta kien qed igorr xi haga illegali u kien ghalhekk li ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u dak il-hin instabet sikkina li skond ix-xhud PC 1194 Christopher Debrincat din kienet qisha sikkina ta' kcina tad-dar u skond ix-xhieda l-ohra kienet twila 20 centimetri u ta' kulur silver bil-manku iswed. Illi is-sikkina li giet esebita hija twila 20 cm ta' kulur silver bil-manku iswed. Il-pulizija stess qalu li l-appellant ma ridx jiffirma l-ircevuta meta hadulhu s-sikkina pero dan ma ifissirx li allura l-ircevuta ma tikkostitwix prova u lanqas ma ifisser li s-sikkina li giet prezentata l-Qorti hija sikkina differenti minn

dik li giet elevate minn fuq il-persuna tieghu. Il-pulizija ilkoll qalu li l-appellant kellu sikkina fuq il-persuna tieghu u l-appellant fl-ebda hin ma jichdu dan. Illi huwa minnu li kien ikun ahjar kieku kien hemm xi pulizija li kkonferm ali is-sikkina esebita l-Qorti keient l-istess sikkina li giet elevata minn fuq il-persuna tal-appellant pero dan ma ifissirx li l-appellant fil-mument meta gie imwaqqaf mill-pulizija kellu fuq il-persuna tieghu sikkina. L-appellant ma geix akkzuat li kellu fuq il-persuna teighu is-sikkina esebita l-Qorti izda li kellu sikkina fil-pusess teighu u li ma kellux lcenzja mahrug amill-Kummissarju tal-pulizija beix igorrha. Il-ftt li l-pulizija kollha raw sikkina fuq il-ersuna tal-akkuzat u l-fatt li huw aingtha ricevuta ta' sikkina u ma ridx jiffirmaha iwassal lil Qorti temmen li in effetti huwa minnu li l-appelalnt kellu sikkina fuq persuntu meta gie imwaqqaf mil-pulizija. In oltre jignhad li fix-xhieda teighu Jinghad ukoll b referenza ghall-affidavit ta' PC 927 J Camilleri oli l-akkuzat a tempo vergine tal investigazzjoni meta mtisoq2si dwar is-sikkina dan wegbu li *'kienet ghandu ghaliex ftit granet qabel kellu xi jghid ma persuna li jisimha Aidan u ghalhekk jghid li kienet fuqu f'kaz li jiltaqa' mieghu u dan iwegghu'*. Dka li qal l-appellant lill-ufficcjal tal-pulizija jikkostitwixxi rest gestae u hija prova ammissibli u qatt ma giet irtirata minnu.

Ili gie provat ukoll mix-xheda ta' WPC 396 Amanda Azzopardi li l-appellant ma kellux licenzja sabiex igorr din is-sikkina. Id-difiza issostni ukoll li din il-qorti ghandha tiskarta l-ircevuta li giet esebita minghajr gurament. Din il-Qorit ma tarax ir-raguni ghaliex tali ricevuta kellha tigi esebita taht gurament ghaliex tali dokument huwa dokument li jipprova biss li giet esebita sikkina u li l-appellant ma ridx jiffirma l-istess dokument stante li fuqha ma hemmx il-firma tieghu. Dan id-dokument ghalhekk hwua ammissbbli kutnrrjament ghal dak li stqarret id-difiza pero l-proekzuzzjoni kellha tipprova l-valur probabtorju tieghu fin-0nuqqas ta' identifikazzjoni tas-sikkina. Il-ftt li din is-sikkina verament ma gietx identifikata ma ifissrx li l-appelalnt ma kellux fuq peruntu sikkina. Semmai li hemm neiqes huwa ic-il-prova li s-sikkina eesbita l-Qorti hija l-sitess sikkina li instabet fuq il-persuna tal-appellant. Apparti jekk hei l-istes ssikkina jew le dimnil-Qorti hija sodisfatta bil-provi imresqa li fil-mument ta' meta gie arrestat fuq il-persuna tieghu kellu sikkina. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet htija fil-konfront tal-appellant fir-

rigward ta' din l-ewwel akkuza. Il-Qorti ma jdihirlix li ghandha tiskarta ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li hija xhieda konsistenti kredibbli u korroborata.

Fit-tieni lok id-difiza qed ssostni li l-prosekuzzjoni ma pprovatx bl-ahjar mod it-tieni akkuza taghha u cioe li l-appellant kien barra wara il-hin imsemmi fid-digriet tal-Qorti meta inghata l-liberta provisorja. Mhemmx dubbju li ghal darb ohra id-difiza mhiex korretta. Il-prosekuzzjoni esebiet vera kopja fotostatika awtentikata mir-registratur tal-Qorti Nadia Ciappara tad-digriet tal-Qorti datat 20 ta' Novembru, 2019 (Dok RV2)[9] u minn hemm jirrizulta li skond il-klawsola numru 6, l-appellant '*ghandu jirtira gewwa id-dar fejn joqghod mhux aktar tard mill-11.00p.m ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel is-6.00a.m ta' l-ghada filghodu.*' Ix-xhud Spettur Jospeh Xerri bil-gurament tieghu jghid li dan id-digriet gie varjat kif jirrizulta skond il-verbal tal-Qorti datat 7 ta' Lulju, 2020 (fol. 87) pero fir rigward u limitatament BISS dwar il-lok fejn huwa ghandu jiffirma l-ghassa u cioe sabiex jibda jiffirma l-ghassa tal–pulizija tal-Qawra minflok dik tar-Rabat peress li kien ser jirrisjedi f'indirizz differenti u cioe minn Block J, Door 1, Triq il Kavallieri Rabat kien ser imur jirrisjedi f' 93 Triq Parades, San Pawl il Bahar. L-ispettur jghid ukoll bil-gurament tieghu li dawn huma l-kundizzjonijiet li inbidlu waqt li l-ohrajn KOLLHA baqghu in vigore. Ghalhekk ma hemmx raguni 'l ghala din il-Qorti ghandha tiskarta dak li qal l-ispettur taht gurament fir-rigwad tal-kundizzjoni tal-hin ta' rinakazar.

Issa jirrizulta ben car li l-appellant instab barra fil-piazza ta' Bugibba nhar l-10 ta' Novembru, 2020 ghall-habta ta' 00.05am u ghalhekk zgur li siegha wara li kellu jkun gewwa. Di piu meta gie mgharraf li kien qiegehd barra wara l-hin wegibhom '*u iva mhux siegha biss*' Dan juri fl-ewwel lok li l-appellant kien jaf li kien marbut bil-kundizzjonijeit tal-helsien mill-arrest u fit-tieni lok li jaggrava is-sitwazzjoni d-disrispet tieghu lejn l-amminstirazzjoni tal-Qorti u li hu ma gharafx l-importanza li jsegwi l-kundizzjonijiet impost fuqu. Dan zgur ma hux accettabli ghal Qorti li tara persuna li giet fdata bil-fiducja taghha meta inghata il-bail titratta manjera daqstant serja b'dan il-mod qisu xejn mhu xejn. Ghalhekk din l-akkuza ukoll tirrizulta provata. Ksur ta' kundizzjoni tal-bail ai termini tal-artikolu 579 (2) tal-kap 9 igib mieghu konfiska tad-depositu u garanzija personali mghamula mill-appellant li

[9] Fol. 24

skond id-digriet esebit fl-atti kienu jammontaw ghal tmient elef euro (€1,000 bhala depositu u €7,000 ghal garanzija persoinali).

Dwar it-tielet akkuza u cioe li l-appellant instab hati talli ikkommetta reat waqt l-perijodu operattiv tas-sentenza u cioe tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Jannar, 2019 jinghad is-segwenti. Il-prosekuzzjoni pprezentat is-sentenza hekk moghtija a fol. 62 u minn esami ta' l-istess jirrizulta li dakinhar l-appellant kien instab hati talli ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mikita Maitliski u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-kap 447 l-Qorti poggietu taht ordni ta' probabtion ghal zmien sentejn (2) minn dak in-0nahr tas-sentenza. Jirirzulta li r-reati odjerni sehhew fl-10 ta' Novembru 2020 u ghalhekk entro its-sentejn u konsegwentement kellha ragun l-ewwel Qorit issibu hati ta' dan ir-reat.

Dwar ir-raba' akkuza tar-recidiva d-difiza issotni li ma kienx bizzejjed li jigu esebiti is-sentenzi mir-registratur tal-Qorti Eunice Fiorini izda kien jehtieg li dawn is-sentenzi jigu konfermati fir-rigward tal-appellant odjern sabiex l-ewwel qorti issib htija fir-rigward tar-recidiva. Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza ta' recidivita` hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita.` L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.

Kif mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija Vs Paul Abela</u>** [10]:-

"*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem*

[10] Deciza fid-9 ta' April 2004 mill Qorti tal-Appelli Kriminali

*tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Inoltre d-difiza issotni ukoll li ma hemmx prova fl-atti li s-sentenzi esebiti huma res judicata. Ghal dan il-ghan din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Rapa** [11]*'fejn inghad li Jekk l-appellant qieghed jallega li din is-sentenza mhijiex definittiva, tali prova jmissu ghamilha hu'*.

Issa jirizulta li s-sentenzi li gew esebiti minn Eunice Fiorini ghandhom kollha l-partikolaritajiet tal-appellant imnzila fuqhom li jirrispekkjaw l-istess partikolaritajiet li hemm fuq l-akkuza odjerna u cioe li l-appellant twieled fid-19 ta' Mejju, 2000, li huwa bin Giuseppe Cali u Zelda Jospehine Zerfa u li ghandu karta ta' identita numru 181700L. Jidher li f'dawn is-sentenzi l-appellant kien instab hati ta' diversi reati fosthom diversi serq , theddid, ingurji, offizi ta' feriti gravi, hsara volontarja, ksur ta' paci pubblika u ksur tar-regolemnti tat-traffikuu dan fil-perijdou ta' bejn Jannar 2016 u Jannar, 2019 u kien inghata diversi pieni fosthom prigunerija. Ghalhekk l-akkuza ta' recidiva hija ben provata ukoll.

Fl-ahhar aggravju l-appellant jilmenta mill-piena imposta u dan ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva tenut kont in-natura u cirkostanzi tal-fatt. Dwar tibdil fil-piena minn sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ohra din l-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet

**Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**[12] , *"mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena errogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva'. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri):* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler*** [13]*:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 19 ta' Settembru 2009
[12] Deciza mill Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2009
[13] Deciza mill Qorti tal-Appell kriminali fis-26 ta' Frar 2009

*tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard[14]</u>**"* )

Issa din l-Qorti ghalhekk ser tara x'kienet il-piena applikabbli ghal kul kaz fejn l-appellant instab hati.

1. Dwar l-ewwel akkuza u cioe garr ta' strument li jaqta bil-ponta cioe sikkina minghajr ma kellu licenzja mill-kummissarju tal-pulizija iggor piena skond l-artikolu 15(7) tal-kap 480 ta' hlas ta' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

2. Dwar it-tieni akkuza u cioe talli kiser il-kundizzjonijiet impost lilu meta inghata il-helsien mill-arrest ai termini tal-artikolu 579 (1) u(2) il-piena applikabbli skond l-istess disposizjonijiet hija il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

3. Dwar it-tielet akkuza li instab hati u cioe li kkometta reat waqt l-perijodu operattiv tal-probabtion jinghad li l-Qorti tista tikkundanna lil hati probabtion ihallas ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn utnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)

4. Oltre dan l-akkuzat appellant instab hati talli huwa recidiv u ghalhekk il-Qorit ghandha diskrezzjoni zzid l-piena inflitta bi grad jew tnejn skond l-artikolu 49 tal-kodici kriminali.

Jidher ghalhekk li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u lejn il-minimu taghha minkejja li qed jinstab hati talli huwa recidiv.

Il-Qorti rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti jirrizulta li minkejja li l-appellant ghandu biss 20 sena diga ghandu divesi *convictions* registrati fuqha fejn instab hati ta' diversi reati u sahansitra anke inghata pieni ta' prigunerija pero dan nonnostante ma tghallimx mill-opportunitajiet li inghata meta inghata *conditional discharge* u *suspended sentences* fil-passat u ghalhekk sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li

[14] Deciza mill Qorti tal-Appell Kriminali ( sede superjuri )nhar l-20 ta' Marzu 2009

ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija effettiva. Bizzejjed l-Qorti tara l-attitudni tal-appellant kif raportat mill-ufficcjali tal-pulizija meta instab barra wara il-hin tar-rikasar meta qal '*Ii kien ilu barra zejjed siegha biss'*.

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant minn dik il-parti tat-tielet akkuza fejn sabitu mhux hati talli ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta'probation b'sentenza moghtija nhar l-4 ta' Dicembru 2019, tikkonfermaha fejn sabithu hati ta' l-ewwel, it-tieni u it-tielet akkuza inkwantu ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' probation b'sentenza tal-21 ta' Jannar 2019 u tar-raba' akkuza kif ukoll qed tikkonfermaha fir-rigward tal-piena nflitta.

Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-garanzija pesonali u depositu li saru fil-proceduri fl-ismijiet **il-Pulizija vs Christian Cali** skond digriet datat 28 ta' Novembru 2019 kif emendat nhar is-7 ta' Lulju 2020 ighaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat ir-re-arrest tal-appellant billi qed tirrevoka il-liberta provisorja moghtija lilu skond id-digriet datat 28 ta' Novembru' 2019 kif emendat nhar is-7 ta' Lulju 2020 u ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil dik il-Qorti li qeda tisma dawk il-proceduri fil-konfront tal-akkuzat appellant.

Qeda ukoll tikkonfmera l-ordni ta' konfiska tas-sikkina moghti mill-ewwel Qorti stante li fil-proceduri gie aprovat li l-appellatn m ghadnux licenzja beix igorr sikkina fuq il-persuna tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur